Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - *www.mgarrlc.com*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 50**

**nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2016,fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, kien msejjaħ sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 50 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2016, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**---- MINUTI -----**

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

50.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara nota ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci li ma kienx jista' jattendi għall-din il-laqgħa peress li kien ser jiżżewweġ ftit ġranet wara. Is-Sur Gauci informa ukoll b' dan b' telefonata lill-Kunsillier Mario Sammut.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

50.2.1 Il-Minuti li ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Is-Sindku informa li kienet inġabet għamara ġdida fil-librerija pubblika li hemm fl-Iskola Primarja. Din l-għamara tħalset parti minnha permezz tal-iskema tal-Libreriji Pubbliċi.

50.3.2 Is-Sindku informa wkoll li kien sar ftehim mal-amministrazzjoni tal-iskola Primarja għall-ġbir tal-iskart.

50.3.3 Is-Sindku informa li kien attenda laqgħa tal-istakeholders tal-proġett tal-Għasfura. F' din il-laqgħa sar rendikont tax-xogħol li sar u li fadal x' isir, kif ukoll li dan il-proġett hu maħsub li jiġi inawgurat f' April tal-2017.

50.3.4 Finlament, is-Sindku informa wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv kien qed jaħdem fuq il-ħruġ tas-Sejħa għall-Offerti għas-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku u organiku u li din s-sejħa ser toħroġ fil-jiem li ġejjin.

**50.4 Korrispondenza**

50.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-Ċirkolari numru 43/2016 maħruġa mid-DLG dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017, li, fil-każ tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ser tkun ta' €426,844.87.

**50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

50.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**50.6 Rapporti**

50.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**50.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

50.7.1 Ma kienx hemm l-ebda' punt dwar dan f' din il-laqgħa.

**50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

50.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 13/2016, li kienet tammonta għal €9,416.62.

50.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**50.9 Mozzjonijiet**

50.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**50.10 Introduzzjoin tal-Kunsillier il-ġdid, is-Sur Elia Borg**

50.10.1 Is-Sindku laqa' uffiċċjalment lis-Sur Elia Borg wara l-elezzjoni każwali li saret fil-25 ta' Novembru biex jintela' il-post battal bir-riżenja tas-Sinjura Elizabeth Ebejer. Is-Sindku, wara li feraħlu għas-suċċess tiegħu, offrilu l-għajnuna tiegħu bħala Kunsillier ġdid u stiednu sabiex jaħdem id f' id mal-Kunsill għall-ġid tal-lokalita'.

50.10.2 Is-Sur Elia Borg, min-naħa tiegħu irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsilliera kif ukoll l-istaff tal-Kunsill talli laqgħuh tajjeb u wiegħed li kien ser jaħdem għall-ġid tal-Imġarr.

50.10.3 Is-Sindku temm din il-parti tal-laqgħa billi b' mod uffiċċjali irringrazzja lis-Sinjura Elizabeth Ebejer tal-ħidma tagħha matul it-tliet snin tal-kariga tagħha u li matulhom dejjm rat kif tista' tkun ta' ġid għall-komunita'. Is-Sindku ferħilha wkoll għall-kariga il-ġdida tagħha. Ma' dan, ingħaqad ukoll il-kumplament tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv.

**50.11 Postijiet għall-Gabbani tal-Festa fl-Imġarr**

50.11.1 Is-Segretarju ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-email ddata 4 ta' Novembru 2016 tas-Sa. Mary Vella f' isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Parroċċa tal-Imġarr fejn fiha il- Kunsill intalab isib post alternattiv għall-gabbani tal-ikel fil-festa ta' Santa Marija peress li dawn kienu qed joħolqu bosta problemi u ħsarat fl-armar tal-festa.

50.11.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u fil-prinċipju qabel ma' din il-proposta minħabba ir-raġunijiet imniżżla mis-Sa. Vella fil-kommunikazzjoni tagħha. Il-Kunsill studja wkoll il-possibiltajiet ta' post alternattiv u ra żewġ postijiet fejn setgħu jintramaw il-gabbani : jew Triq Sir Harry Luke in-naħa ta' fuq, jew inkella Triq Fisher in-naħa ħdejn ta' l-iskola primarja.

50.11.3 Il-Kunsill analizza dawn iż-żewġ xenarji u ħa in konsiderazzjoni diversi punti, fosthom l-aċċessibilita' tal-post, l-effett fuq l-immanniġjar tat-traffiku, l-aċċess għall-ambulanza f' każ ta' emerġenza kif ukoll forzi tal-ordni oħrajn, kif dan il-bdil fil-post kien ser jaffettwa lis-sidien tal-gabbani, u oħrajn.

50.11.4 In konklużjoni ta' dan kollu, is-Sindku ressaq risoluzzjoni li l-gabbani tal-festa ta' Santa Marija għandhom jingħataw permess li jarmaw fi' Triq

Fisher, ħdejn is-siġar, in-naħa ta' l-iskola, u dan' b' effett mil-Festa ta' Santa Marija tal-2017. Din ir-riżoluzzjoni ġiet issekondata minn Mario Sammut u kien hemm qbil unanimu dwarha.

50.11.5 Għaldaqstant, il-Kunsill ser ikellem lill-Avukat tiegħu biex jibda' l-proċeduri ta' din il-bidla.

**50.12 Preparament għall-Ġieħ l-Imġarr 2017**

50.12.1 Is-Sindku informa lil-Kunsill dwar il-preparamenti ta' Ġieħ l-Imġarr 2017, li kien ser isir nhar il-Ħadd, 5 ta' Frar 2017.

50.12.2 Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Banda Imperial tal-Mellieħa kienet aċċettat li għal sena oħra tieħu sehem f' din l-attivita'.

50.12.3 Is-Sindku informa li l-applikazzjonijiet għal dan il-Ġieħ kienu ser jintlaqgħu fil-Kunsill sal-11 ta' Jannar 2017.

**50.13 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

50.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:55pm.

50.13.2 Il-Laqgħa li jmiss ġiet imsejjħa għat-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2016, fis-7:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***